**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 542/2019/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Pierre Cuschieri**
**Sandro Cutajar**
**Paul Pace**
**Jason Camilleri**

Illum id-disgħa (9) ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellati **Pierre Cuschieri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 347772(M), **Sandro Cutajar**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 214881(M), **Paul Pace**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 461061(M), u **Jason Camilleri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 88576(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli

f'Ħal-Far nhar it-3 ta' Mejju 2013 għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħaxija (21:30pm):

1. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħhom, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunaw il-mewt ta' Michael Zammit (detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 607762(M)) u wkoll offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Shania Micallef (detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-numru 238901(L)).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Ottubru 2022, fejn il-Qorti, ma sabitx lill-imputati Pierre Cuschieri, Sandro Cutajar, Paul Pace u Jason Camilleri ħatja tal-imputazzjoni li ġiet dedotta fil-konfront tagħhom kollha u b'hekk illiberathom minn kull imputazzjoni u ħtija.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fis-27 ta' Ottubru 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: "***tirriforma*** *s-sentenza appellata billi* ***<u>tħassar u tirrevoka</u>*** *dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellati ġew liberati u minflok issib lill-appellati ħatja skont l-akkużi u tinfliġġi piena skont il-liġi.*"

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellati eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet, fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2023, lill-konsulenti legali tal-appellati jressqu eċċezzjoni dwar in-nullita' tar-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm dwar l-eċċezzjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza preliminari dwar l-eċċezzjoni mressqa mill-appellati fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2023.

Illi l-fatti ta' dan il-każ kienu fil-qosor is-segwenti: Fit-3 ta' Mejju 2013 sar rapport li għal ħabta tad-9.30pm ġewwa Ħal-Far Drag Racing kien għadu kif seħħ inċident fejn weġġgħu xi nies. Jidher li f'dan il-post kienet ġiet organizzata tiġrija taż-żwiemel u tal-*ponies*. Waqt tiġrija minnhom *pony* partikolari li kien misjuq minn Sandro Cutajar laqat xi barrikati tal-plastik li kienu jinstabu mal-ġenb tal-korsa. Minħabba dan l-akkadut, is-sewwieq tal-*pony* spiċċa mal-art u l-*pony* baqa' għaddej u weġġa' żewġ spettaturi. Konsegwenza ta' dan l-inċident wieħed mill-spettaturi miet waqt li spettatriċi oħra weġġgħet.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jressaq argumenti in sostenn ta' dak mitlub minnu fl-imsemmi Rikors b'dan illi din il-Qorti mhijiex ser tagħmel konsiderazzjonijiet dwarhom f'din is-sentenza minħabba li, kif ingħad aktar 'il fuq, din is-sentenza tirrigwarda eċċezzjoni mressqa mill-appellati fir-rigward tar-Rikors tal-appell tal-appellant. Din l-eċċezzjoni tirrigwarda d-diċitura tat-talba li kienet inkluża fir-Rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali.

Illi permezz tas-sottomissjonijiet bil-fomm dwar l-eċċezzjoni ta' nullita' tar-Rikors tal-appell tal-appellant, l-appellati jargumentaw li l-fatt li l-Avukat Ġenerali talab lil din il-Qorti sabiex is-sentenza appellata tiġi riformata billi titħassar u tiġi revokata huwa nuqqas f'wieħed mill-elementi essenzjali tal-appell. Jisħqu li l-Avukat Ġenerali seta' ressaq talba permezz ta' Rikors sabiex ir-Rikors tal-appell tiegħu jiġi korrett. Jargumentaw li peress li l-Avukat Ġenerali naqas milli jagħmel hekk, b'hekk skont huma l-appell tal-Avukat Ġenerali għandu jiġi dikjarat null.

Illi għal kompletezza għandu jingħad li fl-aħħar mument waqt li nstemgħu s-sottomissjonijiet finali dwar l-eċċezzjoni in kwistjoni fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2023 quddiem din il-Qorti, l-avukat

mill-uffiċju tal-Avukat Ġenerali talab sabiex iressaq Rikors ħalli jikkoreġi l-allegat nuqqas imsemmi mill-appellati, liema talba ġiet sorvolata waqt l-istess seduta.

Illi għalkemm, kif jgħidu l-appellati, fil-passat kien hemm ġurisprudenza kopjuża li twassal għan-nullita' tar-Rikors tal-appell f'każijiet fejn titressaq talba bħal dik odjerna, dan ma għadux il-każ. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li permezz tal-emendi li saru b'Att I tal-2018 ġew reżi applikabbli għal Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, is-sub-artikoli (4), (5), u (6) ta' Artikolu 143 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Artikolu 143(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Fil-każijiet imsemmija f'dan l-artikolu talba għal tħassir għandha titqies li tinkludi talba għal annullament u tibdil tas-sentenza jew tad-digriet, u talba għal annullament għandha titqies li tinkludi talba għal tħassir u tibdil tas-sentenza jew tad-digriet."

Illi minn qari ta' dan is-sub-artikolu jirriżulta li l-kelma tibdil għandha titqies li tinkludi talba għat-tħassir. F'dan il-każ l-appellant uża l-kelma "tirriforma" liema kelma fil-fehma ta' din il-Qorti hija ekwivalenti għal kelma tibdil. Dwar dan il-punt din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Publius Said** (Numru 489/2017) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi qabel kull kunsiderazzjoni oħra, l-Qorti tinnota illi stante li l-appellant qed jitlob it-tħassir ta' parti mis-sentenza kellu allura jitlob it-tibdil tagħha u mhux it-tħassir. L-Artikolu 419 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi r-Rikors tal-appell għandu jkun fih, *inter alia*, "it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri". Għalhekk la darba l-imputat ried li din il-Qorti tħassar biss parti mis-sentenza u ma kienx qed jappella f'dik il-parti liberatorja kellu jitlob għat-tibdil tagħha u mhux għat-taħsir. Magħmula din l-osservazzjoni, iżda, l-appell odjern hu salvat bis-saħħa

> tal-Artikolu 520 tal-Kodiċi Kriminali kif emendat bl-Att I tal-2018 li issa jagħmel applikabbli s-subartikoli (4), (5) u (6) tal-Artikolu 143 tal-Kapitolu 12 fejn allura t-talba għat-tħassir għandha titqies li tinkludi talba għal annullament u tibdil tas-sentenza. Issa, għalkemm tali inklużjoni għandha tkun soġġetta għal talba u digriet appożitu, din il-Qorti tqis dan bħala formalita' u għalhekk qed tqis it-talba għat-tħassir bħala waħda għat-tibdil tas-sentenza."

Illi għalhekk in applikazzjoni ta' dak kollu msemmi hawn fuq, din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tilqa' l-eċċezzjoni ta' nullita' tar-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali u dana minħabba li għandu jinftiehem li fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob li s-sentenza appellata tiġi mħassra u revokata. Għaldaqstant l-eċċezzjoni mressqa mill-appellati fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2023 qed tiġi miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjoni ta' nullita' tar-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali hekk kif imressqa mill-appellati fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2023 u tordna l-prosegwiment tas-smiegħ tal-appell.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**